**19 ta' April, 1989**

**Imħallef: –**

**Onor. Albert Manchè LL.D.**

Francis Borg

*versus*

Il-Perit Arkitett Joseph Borg u b'digriet ta' l-1 ta' April, 1986, ġiet kjamata in kawża Carmen Borg

## Appoġġ – Preskrizzjoni

*Kawża dwar ħlas ta' appoġġ. Il-Qorti investiet il-kwistjoni tal-preskrizzjoni kwinkwennali f'appoġġi.*

Il-Qorti: –

Rat iċ-ċitazzjoni pprezentata fl-24 ta' Lulju 1981 li biha l-attur Francis Borg wara li ppremetta illi hu proprjetarju ta' blokk bini jismu *"Castlebar Court"*, Triq it-Tempesta, Buġibba, limiti ta' San Pawl il-baħar, u l-konvenut bena fuq proprjetà tiegħu kontigwa u appoġġa ma' l-istess blok ta' bini sa altezza ta' tmienja u għoxrin filata;

Illi ta' dan l-appoġġ hu għandu jħallas lill-attur kumpens ta' ħames mija tnejn u sittin lira, u ħamsa u għoxrin ċenteżmu (Lm562.25,0);

Illi aktar tard il-konvenut appoġġa ma' tliet filati oħra kif hemm spjegat fid-dikjarazzjoni;

Illi ta' dan it-tieni appoġġ il-konvenut għandu jħallas kumpens ta' sittin lira u disgħa u għoxrin ċenteżmu (Lm60.29,0);

Illli l-konvenut iddikjara li fuq l-ewwel kont m'għandu xi jgħid xejn iżda ppretenda kompensazzjoni in parti ma' kreditu tiegħu li ma jeżistix;

Talab li din il-Qorti, għar-raġunijiet imsemmija:

1. tikkundanna lill-konvenut iħallas is-somma msemmija ta' Lm562.25,0;

2. tikkundanna lill-istess konvenut iħallas is-somma msemmija ta' Lm60.29,0 għad-dritt ta' appoġġ pratikat minnu fit-tieni stadju ta' kostruzzjoni tal-fond tiegħu msemmi, jew kwalunkwe somma oħra verjuri, ikbar jew iżgħar, li tiġi stabbilita minn din il-Qorti;

3. tikkundanna lill-konvenut iħallas l-interessi ċivili middata tan-notifika ta' dan l-att fuq is-somom fuq indikati;

Bl-ispejjeż kontra l-konvenut inġunt għas-subizzjoni;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet ippreżentata fit-18 ta' Awissu 1981 li biha l-A.I.C. Joseph Borg eċċepixxa (1) preliminarjament illi t-tieni talba attriċi għall-ħlas ta' kumpens ta' sittin lira u disgħa u għoxrin ċenteżmu (Lm60.29,0) għat-tieni appoġġ hija ntempestiva stante li l-attur qatt ma talab lill-konvenut biex iħallas dan l-ammont;

(2) subordinatament u mingħajr preġudizzju għall-premess, illi l-ammonti ta' ħames mija tnejn u sittin lira u ħamsa

u għoxrin ċenteżmu (Lm562.25,0) u ta' sittin lira u disgħa u għoxrin ċenteżmu (Lm60.29,0) li qed jippretendi l-attur għażżewġ appoġġi huma esaġerati u dan kif jirriżulta mill-anness prospett (Dok. 'A'); (3) mingħajr preġudizzju għall-premess, ittalbiet ta' l-attur kif dedotti fiċ-ċitazzjoni għandhom jiġu miċħuda stante illi l-attur għandu jagħti lill-konvenut is-somma ta' mitejn u tnejn u tmenin lira, tlettax-il ċenteżmu u tmien milleżmi (Lm282.13,8) bħala dritt ta' appoġġ ma' bini tiegħu kif jirriżulta mill-anness prospett (Dok. 'A') liema somma għandha titnaqqas mill-ammont dovut mill-konvenut lill-attur; Salvi eċċezzjonijiet oħra;

*Omissis;*

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet ulterjuri pprezentata mill-A.I.C. Joseph Borg *fl-14 ta'* Novembru 1985 li biha eċċepixxa li l-azzjoni odjerna m'hix integra għaliex ġiet intavolata kontra sid wieħed biss tal-fond li appoġġa ma' bini ta' l-attur mentri fil-fatt hemm sid oħra li hija oħtu Carmen Borg li qatt ma ddaħħlet fil-kawża; salvi eċċezzjonijiet oħra;

Rat id-digriet ta' l-1 ta' April 1986 li bih ġiet imsejħa fil-kawża Carmen Borg;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet ipprezentata fil-5 ta' Mejju 1986 li biha Carmen Borg eċċepiet illi d-domandi attriċi huma preksritti stante li għaddew ħames snin mid-data ta' meta kien dovut l-appoġġ; illi subordinatament l-ammont pretiż mill-attur mhux dovut stante li hu l-attur li hu debitur tal-konvenuti għall-ħlas ta' dritt ta' appoġġ li sar mal-proprjetà tagħhom kif jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża;

Rat is-sentenza mogħtija minn din il-Qorti fl-10 ta' Diċembru 1986 li biha l-Qorti ċaħdet l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni ssollevata mill-imsejħa fil-kawża Carmen Borg bl-ispejjeż kontra tagħha u ordnat li l-kawża tkompli tinstema' skond il-liġi;

Ra id-digriet tagħha tat-28 ta' Jannar 1987 li bih l-istess Perit l-A.I.C. William Soler ġie nnominat biex jagħmel rapport sussegwenti għall-ewwel rapport ippreżentat fis-6 ta' Ġunju 1985;

Rat ir-relazzjoni ta' l-istess Perit William Soler ippreżentata fit-30 ta' Novembru 1987 u maħlufa minnu fir-Reġistru ta' din il-Qorti fl-1 ta' Ġunju 1988 li biha huwa kkonferma l-ewwel relazzjoni tiegħu tas-6 ta' Ġunju 1985 li biha l-Perit irrelata favur it-talbiet attriċi wara li ssottometta li biex jadempixxi l-inkariku tiegħu huwa kien żamm aċċess u seduta u li fl-aċċess miżmum fl-24 ta' Novembru 1983 huwa kien għamel il-konstatazzjonijiet neċessarji u fis-seduta miżmuma fis-17 ta' Frar 1984 l-attur kien xehed li kien inkariga lill-Perit Joseph Falzon jagħmillu stima ta' l-appoġġ illi kellu jħallas il-konvenut meta huwa bena u appoġġa mal-proprjetà tiegħu u kien bagħat dan il-kont ma' ieħor addizzjonali permezz ta' l-Avukat tiegħu. Ix-xhud spjega illi l-konvenut kien bagħatlu *cheque* u qatagħlu mill-ammont dovut dak li kien qed jippretendi minn għandu u li kien inkariga lill-Avukat tiegħu biex jibgħat iċ-*cheque* lura billi ma kienx jirrappreżenta l-ammont dovut. Ix-xhud qal ukoll li kien jippretendi li lill-konvenut ma kellu jtih xejn. Fl-aċċess irriżulta illi l-bini tal-konvenut qed jappoġġa mal-bini ta' l-attur sa altezza ta' tmienja u għoxrin filata. Mix-xiehda ta' l-attur jidher illi ma kienx hemm ekwivoku rigward kejl. Mill-istess relazzjoni jirriżulta li ma nġibux provi in sostenn ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut;

*Omissis;*

Illi ma hemm l-ebda raġuni għaliex il-Qorti ma għandhiex tadotta l-konklużjoni li wasal għaliha l-Perit Tekniku fir-relazzjonijiet tiegħu li t-talbiet attriċi għandhom jiġu milqugħa;

Għal dawn il-motivi l-Qorti prevja adozzjoni tar-relazzjonijiet peritali, tiddeċidi billi tilqa' t-talbiet attriċi u tikkundanna lill-konvenut u lill-imsejħa fil-kawża Carmen Borg iħallsu lill-attur is-somma ta' ħames mija u sittin lira u ħamsa u għoxrin ċenteżmu (Lm562.25,0) skond l-ewwel domanda u s-somma ta' sittin lira u disgħa u għoxrin ċenteżmu (Lm60.29,0) skond it-tieni domanda, b'kollox is-somma komplessiva ta' sitt mija u tnejn u għoxrin lira u erbgħa u ħamsin ċenteżmu (Lm622.54,0) bl-imgħaxijiet miltuba mid-dati rispettivi tan-notifiki taċ-ċitazzjoni mill-konvenut u lill-imsejħa fil-kawża. L-ispejjeż kollha, ħlief dawk tas-sentenza in parte ta' l-10 ta' Diċembru 1987 li ġà huma deċiżi, għandhom jitħallsu mill-konvenut u mill-imsejħa fil-kawża.